MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2012

Numru. 830/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**
**VS**
**CARMEL MICALLEF**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmel Micallef ta' 59 sena, bin Joseph u Christine nee' Vella, mwieled Mellieha fit- 23 ta' Lulju 1951, residenti 242, Triq il- Midra, Mellieha u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 568951M;

Talli bejn Jannar 1999 u Dicembru 2003 f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu personali kif ukoll bhala Direttur tas-

socjeta' D.I.K.K. Ltd, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe ma hallasx lid- Dipartiment tal- VAT is-somma totali ta' €53,786.10 ai termini tal- Artikoli 18, 293, 294 u tal- Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi, fil-mori tal-istess proceduri, l-imputat kien lahaq ghamel pagament akkont lid-Dipartiment tal-VAT, u llum il-bilanc dovut kien ta' €33,376.87 (tlieta w tletin elf, tlitt mija w sitta w sebghin Ewro, sebgha w tmenin centezmu) hekk kif ikkonfermat mil-Prosekuzzjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qed issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u sejra ghalhekk tghaddi biex taghti s-sentenza. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. L-imputat kellu jaghti diversi ammonti ta' taxxa lid-Dipartiment tal-VAT, uhud minn dawn l-ammonti jirrisalu addirittura ghas-sena 1999. Madankollu, l-imputat wettaq pagamenti akkont, u llum l-bilanc – ghalkemm

mhux wiehed zghir – gie ridott kwazi bin-nofs. Ghalhekk, ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti sejra tibqa' fuq il-minimu stabbilit fil-ligi, ghalkemm din ser tkun fil-parametri tal-prigunerija, li sejra tinzamm sospiza ghal perijodu. Flimkien ma' din il-piena l-Qorti sejra wkoll torbot lill-imputat b'ordni ghall-hlas tal-bilanc dovut minnu, taht l-operat tal-istess sentenza sospiza. Ghalhekk, l-imputat qed jibbenefika minn temperament fil-piena, tenut kont tal-ammissjoni bikrija tieghu, u tal-fatt li hu hallas parti sostanzjali mill-ammont shih dovut minnu, b'dan illi, fin-nuqqas li l-imputat ihallas dak il-bilanc hekk dovut minnu, il-Qorti jkollha ddahhal fis-sehh is-sentenza ta' prigunerija bhala wahda effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tlettax- il xahar (13) prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' tlieta w tletin elf, tlett mija w sitta w sebghin Ewro, u seba' w tmenin centezmu (€33,376.87) fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------